

Brussell, 6 ta' Mejju 2025
(OR. en)

8055/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0093(NLE)

ECOFIN 428
UEM 117
FIN 421
ECB
EIB

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni
tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Portugall

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021
dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Portugall**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>.

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (“RRP”, recovery and resilience plan) tal-Portugall fit-22 ta’ April 2021, il-Kummissjoni pproponiet li l-Kunsill jagħtih valutazzjoni pożittiva. Fit-13 ta’ Lulju 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta’ deċiżjoni ta’ implimentazzjoni (id-“Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021”)². id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021 ġiet emendata permezz tad-deċiżjonijiet ta’ implimentazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta’ Ottubru 2023³ u tat-8 ta’ Ottubru 2024⁴.
- (2) Fit-3 ta’ Frar 2025, il-Portugall għamel talba motivata lill-Kummissjoni biex tressaq proposta li temenda d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021 f’konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP ma għadux jista’ jinkiseb kompletament minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Abbażi ta’ dan, il-Portugall ippreżenta RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (3) L-emendi għall-RRP ippreżentati mill-Portugall minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 108 miżuri.

² Ara d-dokumenti ST 10149/21 u, ST 10149/21 ADD 1 REV 1 fi <http://register.consilium.europa.eu>.

³ Ara d-dokumenti ST 13351/23 u, ST 13351/23 ADD 1 REV 1 fi <http://register.consilium.europa.eu>.

⁴ Ara d-dokumenti ST 13497/24 u ST 13497/24 ADD 1 fi <http://register.consilium.europa.eu>.

- (4) Il-Portugall spjega li ħames miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu minħabba l-fatt li l-offerti ma attirawx biżżejjed offerenti kif ukoll minħabba diffikultajiet tekniċi mhux mistennija li dewmu l-implimentazzjoni tagħhom b'mod sinifikanti. Dawn jikkonċernaw l-istadju importanti 6.26 u l-mira 6.27 tal-investment C06-i08-RAM (Estensjoni tal-bini CITMA) u d-deskrizzjoni tal-investment C06-i08-RAM taħt il-komponent 6 (Kwalifiki u ħiliet); l-istadju importanti 9.9 tal-investment C09-i02 (Intrapriża idrawlika b'diversi għanijiet ta' Crato, il-fażi tal-ippjanar) u d-deskrizzjoni tal-investment C09-i02; l-istadji importanti 9.10 u 9.11 tal-investment C09-i04 (Intrapriża idrawlika b'diversi użi ta' Crato) u d-deskrizzjoni tal-investment C09-i04 taħt il-komponent 9 (Ġestjoni tal-Ilma); il-mira 15.7 tal-investment C15-i03 (Tranżitu Ferrovjarju Ħafif Odivelas — Loures) u d-deskrizzjoni tal-investment C15-i03 taħt il-komponent 15 (Mobilità Sostenibbli); u l-istadju importanti 21.40 u l-mira 21.41 tal-investment C21-i15-RAA (L-akkwist ta' żewġ bastimenti elettriċi) u d-deskrizzjoni tal-investment C21-i15-RAA taħt il-komponent 21 (REPowerEU). Abbażi ta' dan, il-Portugall talab li l-istadji importanti, il-miri u d-deskrizzjonijiet tal-investment imsemmija hawn fuq jitħassru. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (5) Il-Portugall spjega li tliet miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu kompletament minħabba diffikultajiet tekniċi mhux mistennija li dewmu l-implimentazzjoni tagħhom b'mod sinifikanti. Dawn jikkonċernaw l-istadju importanti 9.5, 9.6 u 9.7 u l-mira 9.8 taħt l-investment C09-i01 (Il-pjan Reġjonali għall-Effiċjenza tal-Ilma ta' Algarve) u d-deskrizzjoni tas-sottoinvestimenti rispettivi taħt l-investment C09-i01; u l-mira 14.13 ta' C14-i03-RAA (It-tranżizzjoni tal-enerġija fl-Azores) u d-deskrizzjoni tas-sottoinvestiment rispettiv fl-ambitu tal-investment C14-i03-RAA taħt il-komponent 14 (Idroġenu u Enerġija Rinnovabbli). Abbażi ta' dan, il-Portugall talab li l-istadji importanti, il-miri u d-deskrizzjonijiet tas-sottoinvestiment imsemmija hawn fuq jitħassru. Barra minn hekk, il-Portugall talab li l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni għall-mira 12.4 tal-investment C12-i01 (Bijoekonomija) tiġi estiża. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (6) Il-Portugall spjega li disa' miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu kompletament minħabba l-fatt li l-offerti ma attirawx għadd biżżejjed ta' offerenti kif ukoll minħabba nuqqas ta' offeriti. Dawn jikkonċernaw il-mira 2.18 tal-investment RE-02-i04-RAA (Żieda fil-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni fl-istokk tad-djar tar-Reġjun Awtonomu tal-Azores) u d-deskrizzjoni tal-investment Re-02-i04-RAA taħt il-komponent 2 (Akkomodazzjoni); il-mira 3.13 tal-investment C03-i04-RAA (L-implimentazzjoni tal-Istrateġija Reġjonali għall-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali — Networks ta' Appoġġ Soċjali (ARA)) taħt il-komponent 3 (Rispons Soċjali); l-istadju importanti 4.3 u l-mira 4.5 tal-investment C04-i01 (Networks Kulturali u Tranżizzjoni Diġitali) u d-deskrizzjoni tal-investment C04-i01 taħt il-komponent 4 (Kultura); il-mira 5.19 tal-investment C05-i05-RAA (Irkupru Ekonomiku tal-Agrikoltura tal-Azores) taħt il-komponent 5 (Investiment u Innovazzjoni); il-miri 8.3 u 8.20 tal-investment C08-i01 (Trasformazzjoni tal-Pajsaġġ f'Żoni ta' Foresti Vulnerabbli) taħt il-komponent 8 (Foresti); il-miri 10.15 u 10.16 tal-investment C10-i06-RAM (Teknoloġiji oċeaniċi) taħt il-komponent 10 (Baħar); u l-mira 13.3 tal-investment C13-i01-RAM (L-effiċjenza enerġetika fil-bini residenzjali), taħt il-komponent 13 (Effiċjenza Enerġetika fil-Bini). Abbażi ta' dan, il-Portugall talab li l-livell ta' implimentazzjoni tal-istadji importanti u tal-miri jitnaqqas u li d-deskrizzjonijiet tal-investment korrispondenti jiġu emendati. Barra minn hekk, il-Portugall talab li l-mira 4.2 tal-investment C04-i01 (Networks Kulturali u Tranżizzjoni Diġitali) tiġi emendata b'mod li tinkludi stabbilimenti kummerċjali għajr ħwienet tal-kotba. Barra minn hekk, il-Portugall talab li l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-istadju importanti 10.3 tal-investment C10-i01 (Blue Hub, Network ta' Infrastruttura għall-Ekonomija Blu) u l-mira 13.3 tal-investment C13-i01 (L-effiċjenza enerġetika fil-bini residenzjali); u l-mira 15.11 tal-investment C15-i04 (Tranżitu rapidu tal-karozzi tal-linja Boavista — Império) tiġi estiża u li d-deskrizzjonijiet tal-investimenti korrispondenti jiġu emendati. Barra minn hekk, il-Portugall talab li l-formulazzjoni tal-mira 8.2 tal-investment C08-i01 (Trasformazzjoni tal-Pajsaġġ f'Żoni tal-Foresti Vulnerabbli) tiġi emendata u li l-iskeda ta' żmien tal-implimentazzjoni tagħha titnaqqas. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (7) Il-Portugall spjega li sitt miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu kompletament minħabba domanda insuffiċjenti. Dwan jikkonċernaw il-mira 3.12 tal-investiment C03-i04-RAA (L-implimentazzjoni tal-Istrateġija Reġjonali għall-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali — Networks ta' Appoġġ Soċjali (ARA)) taħt il-komponent 3 (Rispons Soċjali); il-mira 6.10 tal-investiment C06-i05-RAA (Kwalifiki għall-Adulti u Tagħlim Tul il-Ħajja (ARA)) taħt il-komponent 6 (Kwalifiki u ħiliet); il-miri 16.10 u 16.11 tal-investiment C16-i02 (Tranżizzjoni Diġitali tal-Intrapriżi) taħt il-komponent 16 (Intrapriżi 4.0); u l-mira 20.12 tal-investiment C20-i02-RAA (L-edukazzjoni diġitali (Azores)) u d-deskrizzjoni tal-investiment C20-i02-RAA taħt il-komponent 20 (Skola Diġitali). Abbażi ta' dan, il-Portugall talab li l-livell ta' implimentazzjoni tal-l-mirijitnaqqas. Barra minn hekk, il-Portugall talab li l-iskeda ta' żmien tal-implimentazzjoni għall-mira 14.9 tal-investiment C14-i02-RAM (Il-potenzjal tal-elettriku rinnovabbli fl-Arċipelagu ta' Madeira) u l-mira 16.11 tal-investiment C16-i02 (Tranżizzjoni Diġitali tal-Intrapriżi) taħt il-komponent 16 (Intrapriżi 4.0) tiġi estiża u li d-deskrizzjonijiet tal-investiment korrispondenti jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (8) Il-Portugall spjega li erba' miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu kompletament minħabba restrizzjonijiet fuq il-provvisti. Dawn jikkonċernaw id-deskrizzjoni tal-investment C01-i07-RAM (Id-diġitalizzazzjoni tas-Servizz tas-Saħħa Reġjonali ta' Madeira) taħt il-komponent 1 (Servizz tas-Saħħa Nazzjonali); il-mira 2.24 tal-investment C02-i05 (Stokk ta' akkomodazzjoni pubblika affordabbli) u d-deskrizzjoni tal-investment C02-i05; il-mira 2.31 tal-investment C02-i08-RAA (Tisħiħ tal-istokk tad-djar soċjali) u d-deskrizzjoni tal-investment C02-i08-RAA taħt il-komponent 2 (Akkomodazzjoni); u l-mira 21.37 tal-investment C21-i13-RAM (Dekarbonizzazzjoni tat-trasport) u d-deskrizzjoni tal-investment C21-i13-RAM, taħt il-komponent 21 (REPowerEU). Abbażi ta' dan, il-Portugall talab li l-livell ta' implimentazzjoni tal-miri msemmija hawn fuq jitnaqqas u li d-deskrizzjonijiet tal-investment korrispondenti jiġu emendati. Barra minn hekk, il-Portugall talab li l-miri 2.21, 2.22 u 2.23 tal-investment C02-i05 (Stokk ta' akkomodazzjoni pubblika affordabbli) jitneħħew. Barra minn hekk, il-Portugall talab li l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-mira 1.35 tal-investment C01-i07-RAM (Id-diġitalizzazzjoni tas-Servizz tas-Saħħa Reġjonali ta' Madeira) taħt il-komponent 1 (Servizz tas-Saħħa Nazzjonali) tiġi estiża. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (9) Il-Portugall spjega li erba' miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu kompletament minħabba diffikultajiet tekniċi mhux mistennija li rriżultaw fil-ħtieġa ta' negozjati estiżi mal-partijiet ikkonċernati. Dawn jikkonċernaw l-istadju importanti 8.6 tal-investment C08-i02 (Ir-reġistru tal-proprjetà rurali u s-Sistema ta' Monitoraġġ tal-Kopertura tal-Art) u d-deskrizzjoni tal-investment C08-i02; il-mira 8.8 tal-investment C08-i03 (Waqfiet tal-ġestjoni tal-fjuwil — network primarju) taħt il-komponent 8 (Foresti) u l-istadju importanti 21.38 tal-investment C21-i14 (Tranżitu Rapidu tal-Karozzi tal-linja Braga) taħt il-komponent 21 (REPowerEU). Abbażi ta' dan, il-Portugall talab li l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-istadji importanti u l-miri msemmija hawn fuq jiġu estiżi. Barra minn hekk, il-Portugall talab li l-livell ta' implimentazzjoni tal-mira 8.9 tal-investment C08-i03 (Waqfiet għall-ġestjoni tal-fjuwil — network primarju) taħt il-komponent 8 (Foresti) u tal-mira 21.38 u l-mira 21.39 tal-investment C21-i14 (Tranżitu rapidu tal-karozzi tal-linja fi Braga) jitnaqqas u li d-deskrizzjoni tal-investment C21-i14 tiġi emendata. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (10) Il-Portugall spjega li l-investment C15-i02 (L-espansjoni tan-Network tal-Metro ta' Porto — Casa da Música-Santo Ovídio) taħt il-komponent 15 (Mobilità Sostenibbli) ma għadhiex tista' tinkiseb kompletament minħabba kundizzjonijiet ġeoloġiċi mhux mistennija u sejbiet arkeoloġiċi li kienu jeħtieġu miżuri addizzjonali ta' sikurezza u protezzjoni li rriżultaw fid-dewmien tax-xogħlijiet. Abbażi ta' dan, il-Portugall talab li l-istadju importanti 15.5 jitneħħa, li l-livell ta' implimentazzjoni tal-istadju importanti 15.6 jitnaqqas u li d-deskrizzjoni tal-investment C15-i02 tiġi emendata. Barra minn hekk, il-Portugall talab li l-investment C15-i08 (Espansjoni tan-Network tal-Metro ta' Porto — Casa da Música-Santo Ovídio, fażi ta' kostruzzjoni) jiżdied. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (11) Il-Portugall spjega wkoll li l-investiment C15-i01 (L-espansjoni tan-Netzwerk tal-Metro ta' Liżbona — il-Linja l-Ħamra lejn Alcântara) taħt il-komponent 15 (Mobilità Sostenibbli) ma għadhiex tista' tinkiseb kompletament minħabba litigazzjoni li dewmet il-kisba tal-permessi meħtieġa u l-bidu tax-xogħlijiet. Abbażi ta' dan, il-Portugall talab li l-istadju importanti 15.2 jitneħħa, il-livell ta' implimentazzjoni tal-mira 15.3 jitnaqqas u li d-deskrizzjoni tal-investiment C15-i01 tiġi emendata. Barra minn hekk, il-Portugall talab li l-investiment C15-i07 (L-espansjoni tan-Netzwerk tal-Metro ta' Liżbona — il-Linja l-Ħamra lejn Alcântara, fażi ta' kostruzzjoni) jiżdied. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (12) Il-Portugall spjega li ġew emendati 40 miżura bħala alternattiva aħjar għall-implimentazzjoni ta' kull miżura li teżisti li tippermetti li tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali ta' kull miżura. Dawn jikkonċernaw l-istadju importanti 1.26 tal-investiment C01-i04 (Il-konstruzzjoni tal-Isptar tal-Lvant ta' Liżbona u t-tagħmir għall-isptarijiet f'Liżbona u f'Vale do Tejo) u d-deskrizzjoni u l-isem tal-investiment C01-i04; il-miri 1.27, 1.28 u 1.31 tal-investiment C01-i05-RAM (It-tisħiħ tas-Servizz tas-Saħħa Reġjonali ta' Madeira) u d-deskrizzjoni tal-investiment C01-i05-RAM; il-mira 1.43 tal-investiment C01-i10 (Il-programm ta' Modernizzazzjoni tat-Teknoloġija tal-NHS) u d-deskrizzjoni tal-investiment C01-i10 taħt il-komponent 1 (Sistema tas-Saħħa Nazzjonali); il-miri 2.7 u 2.8 tal-investiment C02-i02 (Għotja Nazzjonali ta' Emerġenza u Akkomodazzjoni Temporanja) u d-deskrizzjoni tal-investiment C02-i02; il-miri 2.11 u 2.12 ta' C02-i03-RAM (It-tisħiħ tal-provvista tal-akkomodazzjoni soċjali fir-Reġjun Awtonomu ta' Madeira) u d-deskrizzjoni tal-investiment C02-i03-RAM; il-miri 2.13 u 2.17 tal-investiment RE-C02-i04-RAA (It-titjib tal-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni tal-istokk tad-djar tar-Reġjun Awtonomu tal-Azores); il-miri 2.25 u 2.28 tal-investiment C02-i06 (Akkomodazzjonijiet tal-istudenti bi prezzijiet affordabbli) u d-deskrizzjoni tal-investiment C02-i06; il-mira 2.32 ta' C02-i09 (Miżura fuq skala akbar: Programm ta' Appoġġ għall-Aċċess għall-Akkomodazzjoni (self)) u d-deskrizzjoni tal-investiment C02-i09 taħt il-komponent 2 (Akkomodazzjoni); id-deskrizzjoni tal-investiment C03-i01 (Ġenerazzjoni ġdida ta' tagħmir u risponsi soċjali) u l-mira 3.1 tal-investiment C03-i01 (Ġenerazzjoni ġdida ta' tagħmir u risponsi soċjali); il-miri 3.6, 3.7, 3.8 u 3.9 tal-investiment C03-i02 (Aċċessibbiltà 360°) u d-deskrizzjoni tal-investiment C03-i02;

il-mira 3.16 tal-investment C03-i04-RAA (L-implimentazzjoni tal-Istrateġija Reġjonali għall-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali — Networks ta' Appoġġ Soċjali (ARA)) u d-deskrizzjoni tal-investment C03-i04-RAA; il-mira 3.26 tal-investment C03-i06 (Operazzjonijiet integrati f'komunitajiet żvantaġġati fiż-Żoni Metropolitan ta' Liżbona u ta' Porto) u d-deskrizzjoni tal-investment C03-i06 taħt il-komponent 3 (Rispons Soċjali); il-mira 5.17 tal-investment C05-i04-RAA (Rikapitalizzazzjoni tas-Sistema tan-Negozju tal-Azores) u d-deskrizzjoni tal-investment C05-i04-RAA; il-mira 5.22 tal-investment C05-i05-RAA (L-Irkupru Ekonomiku tal-Agrikoltura tal-Azores); il-miri 5.29 u 5.32 tal-investment C05-i06: (Kapitalizzazzjoni tal-kumpaniji u reżiljenza finanzjarja/Banco Português de Fomento) u d-deskrizzjoni tal-investment C05-i06-RAA, taħt il-komponent 5 (Investiment u Innovazzjoni); il-mira 6.20 tal-investment C06-i06 (Kapaċitajiet fix-Xjenza) taħt il-komponent 6 (Kwalifiki u Ħiliet); id-deskrizzjoni tal-investment C07-i01; il-mira 7.5 tal-investment C07-i06 (Żoni ta' Akkoljenza tan-Negozju — Tlestija) taħt il-komponent 7 — (Infrastruttura); il-mira 8.16 tal-investment C08-i05 (Programm Aktar Forestrija) taħt il-komponent 8 (Foresti); l-istadji importanti 10.9 u 10.10 tal-investment C10-i04-RAA: (L-iżvilupp tal-“Cluster do Mar dos Açores”) u d-deskrizzjoni tal-investment C10-i04-RAA taħt il-komponent 10 (Baħar); il-miri 13.1 u 13.2 tal-investment C13-i01 (L-effiċjenza enerġetika tal-bini residenzjali) u d-deskrizzjoni tal-investment C13-i01 taħt il-komponent 13 (Effiċjenza Enerġetika tal-Bini); l-istadju importanti 15.15 u l-mira 15.16 tal-investment C15-i06 (Diġitalizzazzjoni tat-Trasport bil-Ferrovija) u d-deskrizzjoni tal-investment C15-i06 taħt il-komponent 15 (Mobilità Sostenibbli); il-miri 16.3 u 16.4 tal-investment C16-i01 (Is-Setgħa Diġitali tal-Intrapriżi), u d-deskrizzjoni tal-investment C16-i01; il-miri 16.6 u 16.8 tal-investment C16-i02 (Tranżizzjoni Diġitali tal-Intrapriżi) u d-deskrizzjoni tal-investment C16-i02 taħt il-komponent 16 (Intrapriżi 4.0);

l-istadju importanti 18.3 tar-riforma C18-r33 (Ġustizzja ekonomika u l-ambjent tan-negozju) u d-deskrizzjoni tar-riforma C18-r33; l-istadji importanti 18.7 u 18.8 tal-investment C18-i01 (Ġustizzja ekonomika u l-ambjent tan-negozju) u d-deskrizzjoni tal-investment C18-i01 taħt il-komponent 18 (Ġustizzja Ekonomika u Ambjent tan-Negozju); l-istadju importanti 19.25 tal-investment C19-i01 (Iddiżinjar mill-ġdid tas-servizzi pubbliċi u konsulari) u d-deskrizzjoni tal-investment C19-i01; il-miri 19.6, 19.7, 19.8, 19.9 u 19.10 tal-investment C19-i03 (Tisħiħ tal-qafas ġenerali taċ-ċibersigurtà) u d-deskrizzjoni tal-investment C19-i03; l-istadji importanti 19.12 u 19.14 tal-investment C19-i04 (Infrastruttura diġitali kritika effiċjenti, sigura u kondiviża) u d-deskrizzjoni tal-investment C19-i04; l-istadju importanti 19.17 tal-investment C19-i05-RAM (It-tranżizzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika ta' Madeira); il-mira 19.21 tal-investment C19-i07 (Amministrazzjoni pubblika mogħtija s-setgħa li toħloq valur pubbliku) u d-deskrizzjoni tal-investment C19-i07; l-istadju importanti 19.30 tar-riforma C19-r41 (Aċċess għas-Servizzi Pubbliċi: armonizzazzjoni u konsolidazzjoni tal-aċċess wiċċ imb wiċċ u online) u d-deskrizzjoni tar-riforma C19-r41 taħt il-komponent 19 (Amministrazzjoni Pubblika Diġitali); il-miri 20.4, 20.5, 20.6 u 20.7 u 20.9 tal-investment C20-i01 (Tranżizzjoni diġitali fl-edukazzjoni) taħt il-komponent 20 (Skola diġitali); id-deskrizzjoni tar-riforma C21-r46 (Qafas regolatorju tal-idroġenu rinnovabbli); il-mira 21.1 tal-investment C21-i01 (Miżura fuq skala akbar: Dekarbonizzazzjoni tal-Industrija) u d-deskrizzjoni tal-investment C21-i01; il-mira 21.2 tal-investment C21-i02 (Miżura fuq skala akbar: Effiċjenza enerġetika tal-bini residenzjali) u d-deskrizzjoni tal-investment C21-i02; l-istadju importanti 21.28 tal-investment C21-i08 (Flessibbiltà tan-network u ħżin) u d-deskrizzjoni tal-investment C21-i08; il-mira 21.34 tal-investment C21-i11-RAM (Sistema ta' inċentivi għall-produzzjoni u l-ħżin tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli f'Madeira u f'Porto Santo) u d-deskrizzjoni tal-investment C21-i11-RAM; u l-mira 21.35 tal-investment C21-i12 (Miżura fuq skala akbar: Dekarbonizzazzjoni tat-trasport pubbliku) taħt il-komponent 21 (REPowerEU).

Fuq din il-bażi, il-Portugall talab li l-formulazzjoni tal-istadji importanti, il-miri u d-deskrizzjonijiet imsemmija hawn fuq jiġu emendati. Barra minn hekk, il-Portugall talab li l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni għall-mira 1.30 ta' C01-i05-RAM (Tisħiħ tas-Servizz tas-Saħħa Reġjonali ta' Madeira) taħt il-komponent 1 (Servizz tas-Saħħa Nazzjonali); il-mira 5.17 tal-investment C05-i04-RAA (Rikapitalizzazzjoni tas-Sistema tan-Negozju tal-Azores); il-miri 5.29 u 5.32 tal-investment C05-i06 (Kapitalizzazzjoni tal-kumpaniji u reżiljenza finanzjarja/Banco Português de Fomento) taħt il-komponent 5 (Investiment u Innovazzjoni); il-miri 16.3 u 16.4 tal-investment C16-i01 (Awtonomizzazzjoni Diġitali tal-Intrapriżi); l-istadju importanti 19.14 tal-investment C19-i04 (Infrastruttura diġitali kritika effiċjenti, sigura u kondiviża); l-istadju importanti 19.17 tal-investment C19-i05-RAM (Tranżizzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika ta' Madeira) taħt il-komponent 19 (Amministrazzjoni Pubblika Diġitali); il-mira 20.9 tal-investment C20-i01 (Tranżizzjoni diġitali fl-edukazzjoni); l-istadju importanti 21.23 tar-riforma C21-r48 (Simplifikazzjoni tal-qafas legali u regolatorju applikabbli tal-proġetti tal-enerġija rinnovabbli) u l-mira 21.34 tal-investment C21-i11-RAM taħt il-komponent 21 (REPowerEU) jiġu estiżi u li d-deskrizzjonijiet korrispondenti tal-investimenti u tar-riformi jiġu emendati. Barra minn hekk, il-Portugall talab li l-implimentazzjoni tal-mira 1.28 tal-investment C01-i05-RAM (Tisħiħ tas-Servizz tas-Saħħa Reġjonali ta' Madeira); il-mira 6.28 tal-investment C06-i09 (Skejjel ġodda jew rinnovati), taħt il-komponent 6 (Kwalifiki u Ħiliet); l-istadju importanti 15.15 tal-investment C15-i06 (Diġitalizzazzjoni tat-Trasport bil-Ferrovija); u l-istadju importanti 19.30 tar-riforma C19-r41 (Aċċess għas-Servizzi Pubbliċi: l-armonizzazzjoni u l-konsolidazzjoni tal-aċċess wiċċ imb wiċċ u online) titqassar u li d-deskrizzjonijiet tal-investment C07-01 (Żoni ta' Akkoljenza tan-Negozju) u tar-riforma C19-r41 jiġu emendati.

Barra minn hekk, il-Portugall talab li jiżdied l-investiment C01-i12 (Il-kostruzzjoni tal-Isptar tal-Lvant ta' Liżbona) u l-istadju importanti 1.45 taħt il-komponent 1 (Servizz tas-Saħħa Nazzjonali); l-investiment C07-i06 (Oqsma ta' Akkoljenza tan-Negożju — Tlestija) taħt il-komponent 7 (Infrastruttura); u l-istadju importanti 18.10 tar-riforma C18-r33 taħt il-komponent 18 (Ġustizzja Ekonomika u Ambjent tan-Negożju). Barra minn hekk, il-Portugall talab li titneħħa l-mira 2.10 tal-investiment C02-i03-RAM (Tisħiħ tal-provvista ta' akkomodazzjoni soċjali fir-Reġjun Awtonomu ta' Madeira); il-miri 2.26 u 2.27 tal-investiment C02-i06 (Akkomodazzjonijiet tal-istudenti bi prezzijiet affordabbli) taħt il-komponent 2 (Akkomodazzjoni); il-mira 13.4 tal-investiment C13-i01 (Effiċjenza enerġetika fil-bini residenzjali); il-mira 16.5 tal-investiment C16-i02 (Tranżizzjoni Diġitali tal-Intrapriżi) taħt il-komponent 16 (Intrapriżi 4.0); u l-mira 21.3 tal-investiment C21-i02 (Miżura fuq skala akbar: L-effiċjenza enerġetika fil-bini residenzjali), taħt il-komponent 21 (REPowerEU). Barra minn hekk, il-Portugall talab li l-ambizzjoni tal-implimentazzjoni tal-mira 1.28 tal-investiment C01-i05-RAM (Tisħiħ tas-Servizz tas-Saħħa Reġjonali ta' Madeira) titnaqqas. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (13) Il-Portugall spjega li ġew emendati 46 miżura bħala alternattiva aħjar għall-implimentazzjoni ta' kull miżura li teżisti li tippermetti li l-piż amministrattiv jitnaqqas, filwaqt li xorta jintlaħqu l-oġġettivi tal-miżura rispettiva. Dawn jikkonċernaw il-mira 1.10 tar-riforma r03 (Tlestija tar-riforma tal-mudell ta' governanza tal-isptarijiet pubbliċi) u d-deskrizzjoni tar-riforma r03; il-mira 1.15 u l-istadji importanti 1.16, 1.17, 1.18 u 1.19 tal-investment C01-i01 (Servizzi tal-kura tas-saħħa primarja b'aktar tweġibiet) u d-deskrizzjoni tal-investment C01-i01; il-miri 1.21 u 1.22 tal-investment C01-i02 (Network Nazzjonali tal-Kura Kontinwa Integrata u n-Network Nazzjonali tal-Kura Palljativa) u d-deskrizzjoni tal-investment C01-i02; il-mira 1.23 u l-istadju importanti 1.25 tal-investment C01-i03 (Tlestija tar-riforma tas-saħħa mentali u l-implimentazzjoni tal-istrateġija tad-dimensja) u d-deskrizzjonijiet tal-investimenti C01-i03 u C01-i09 (Sistema Universali ta' Appoġġ għal Ħajja Attiva) taħt il-komponent 1 (Sistema Nazzjonali tas-Saħħa); il-mira 2.3 tal-investment C02-i01 (Programm ta' Appoġġ għall-Aċċess għall-Akkomodazzjoni) u d-deskrizzjoni tal-investment C02-i01; il-mira 2.30 tal-investment C02-i07-RAA (Infrastruttura għal irqajja' ta' art għal akkomodazzjoni residenzjali) taħt il-komponent 2 (Akkomodazzjoni); id-deskrizzjoni tal-investment C03-i03-RAM (Tisħiħ tar-risponsi soċjali fir-Reġjun Awtonomu ta' Madeira (ARM)) taħt il-komponent 3 (Risponsi Soċjali); il-mira 5.6 tal-investment C05-i01.01 (Mobilizzazzjoni ta' Aġendi/Alleanzi għall-Innovazzjoni tan-Negożju); id-deskrizzjoni tal-investment C05-i01.02 (Aġendi Ekoloġiċi/Alleanzi għall-innovazzjoni tan-negożju); il-mira 5.45 tal-investment C05-i11 (Scale-up: Mobilizzazzjoni tal-Aġendi/Alleanzi għall-Innovazzjoni tan-Negożju (Self)), u d-deskrizzjoni tal-investment C05-i11, taħt il-komponent 5 (Investiment u Innovazzjoni); il-mira 6.2 tal-investment C06-i01 (Modernizzazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali); id-deskrizzjoni tal-investment C06-i02 (Impenn għal Impjiegi Sostenibbli);

il-mira 6.6 tal-investment C06-i03 (Inċentiv għall-adulti) u d-deskrizzjoni tal-investment C06-i03; il-miri 6.7, 6.8, 6.9 tal-investment C06-i04 (Impuls għaż-Żgħażaġħ – STEAM) u d-deskrizzjoni tal-investment C06-i04; il-mira 6.11 tal-investment C06-i05-RAA (Kwalifika għall-Adulti u Tagħlim Tul il-Ħajja (ARA)) u d-deskrizzjoni tal-investment C06-i05-RAA; il-mira 6.25 tal-investment C06-i07 (Impuls diġitali akbar), taħt il-komponent 6 (Kwalifika u ħiliet); il-miri 9.3 u 9.4 tal-investment C09-i01 (Pjan Reġjonali għall-Effiċjenza tal-Ilma ta' Algarve) u d-deskrizzjoni tal-investment C09-i01; il-mira 9.13 tal-investment C09-i03-RAM (Pjan għall-effiċjenza fl-użu tal-ilma u t-tisħiħ tas-sistemi tal-provvista u tat-tisqija ta' Madeira) taħt il-komponent 9 (Ġestjoni tal-Ilma); l-istadji importanti 10.2 u 10.3 tal-investment C10-i01 (Blue Hub, Network ta' Infrastruttura għall-Ekonomija Blu) u d-deskrizzjoni tal-investment C10-i01; il-mira 10.4 tal-investment C10-i02 (Tranżizzjoni Ekoloġika u Diġitali u s-Sikurezza fis-Sajd), u d-deskrizzjoni tal-investment C10-i02; l-istadju importanti 10.7 tal-investment C10-i03 (Ċentru ta' Operazzjonijiet ta' Difiża Atlantika u pjattaforma navali); l-istadju importanti 10.13 tal-investment C10-i06-RAM (Teknoloġiji oċeaniċi) u d-deskrizzjoni tal-investment C10-i06-RAM taħt il-komponent 10 (Baħar); id-deskrizzjoni tal-investment C11-i01 (Id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija) skont il-komponent 11 (Dekarbonizzazzjoni tal-Industrija); il-mira 13.5 tal-investment C13-i02 (Effiċjenza enerġetika fil-bini tal-Gvern ċentrali) u d-deskrizzjoni tal-investment C13-i02; il-mira 13.8 tal-investment C13-i03 (Effiċjenza enerġetika fil-bini li jintuża mis-settur tas-servizzi) u d-deskrizzjoni tal-investment C13-i03 taħt il-komponent 13 (Effiċjenza Enerġetika fil-Bini); l-istadju importanti 14.2 u l-mira 14.3 tal-investment C14-i01 (Idroġenu u gassijiet rinnovabbli) u d-deskrizzjoni tal-investment C14-i01; il-miri 14.6, u 14.7 tal-investment C14-i02-RAM (Potenzjal tal-elettriku rinnovabbli fl-Arċipelagu ta' Madeira) u d-deskrizzjoni tal-investment C14-i02-RAM taħt il-komponent 14 (Idroġenu u Enerġija Rinnovabbli);

il-mira 16.15 tal-investment C16-i03 (katalist għat-Tranżizzjoni Diġitali tal-Intrapriżi) u d-deskrizzjoni tal-investment C16-i03; il-mira 16.16 tal-investment C16-i04 (Industrija 4.0) u d-deskrizzjoni tal-investment C16-i04; id-deskrizzjoni tal-investment C16-i05-RAA (Kapaċità Diġitali u t-Trasformazzjoni tal-Intrapriżi fl-Azores); id-deskrizzjoni tal-investment C16-i06-RAM (Intrapriża 4.0) taħt il-komponent 16 (Intrapriżi 4.0); l-istadju importanti 17.5 u l-mira 17.8 tar-riforma C17-r32 (Modernizzazzjoni u Simplifikazzjoni tal-Ġestjoni Finanzjarja Pubblika) u d-deskrizzjoni tar-riforma C17-r32; il-mira 17.18 tal-investment C17-i03 (Tranżizzjoni diġitali tas-servizzi tas-Sigurtà Soċjali) taħt il-komponent 17 (Kwalità u Sostenibbiltà tal-Finanzi Pubbliċi); il-mira 19.6 tal-investment C19-i02 (Servizzi elettroniki sostenibbli) u d-deskrizzjoni tal-investment C19-i02; id-deskrizzjoni tal-investment C19-i06-RAA (Tranżizzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika fl-Azores), taħt il-komponent 19 (Amministrazzjoni Pubblika Diġitali); il-mira 20.11 tal-investment C20-i02-RAA (Edukazzjoni diġitali (Azores)); il-mira 20.15 tal-investment C20-i03-RAM (Aċċelerazzjoni tad-diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni ARM) u d-deskrizzjoni tal-investment C20-i03-RAM taħt il-komponent 20 (Skola Diġitali); id-deskrizzjoni tal-investment C21-i09 (Punt uniku ta' servizz għal-liċenzjar u l-monitoraġġ ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli); u l-mira 21.33 tal-investment C21-i11-RAM (Sistema ta' inċentivi għall-produzzjoni u l-ħżin tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli f'Madeira u f'Porto Santo) u d-deskrizzjoni tal-investment C21-i11-RAM u d-deskrizzjoni tal-investment 21-r44 (Żvilupp ta' punti uniċi ta' servizz għall-effiċjenza enerġetika għaċ-ċittadini (Spazji tal-Enerġija taċ-Ċittadini)) taħt il-komponent 21 (REPowerEU). Fuq din il-bażi, il-Portugall talab li l-formulazzjoni tal-istadji importanti, il-miri u d-deskrizzjonijiet tar-riformi u l-investimenti msemmija hawn fuq tiġi emendata.

Barra minn hekk, il-Portugall talab li l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni għall-mira 3.10 tal-investment C03-i03-RAM (Tisħiħ tar-risponsi soċjali fir-Reġjun Awtonomu ta' Madeira (ARM)); il-mira 5.6 tal-investment C05-i01.01 (Mobilizzazzjoni tal-Aġendi/Alleanzi għall-Innovazzjoni tan-Negozju); il-mira 5.45 tal-investment C05-i11 (Scale-up: Mobilizzazzjoni tal-Aġendi/Alleanzi għall-Innovazzjoni tan-Negozju (Self)); il-mira 9.1 tal-investment C09-i01 (Pjan Reġjonali għall-Effiċjenza tal-Ilma ta' Algarve); il-mira 14.7 tal-investment C14-i02-RAM (Potenzjament tal-elettriku rinnovabbli fl-Arċipelagu ta' Madeira); il-mira 16.17 tal-investment C16-i04 (Industrija 4.0); il-mira 21.6 tal-investment C21-i04-RAM (Effiċjenza enerġetika fil-bini pubbliku f'Madeira); u l-istadju importanti 21.31 tal-investment C21-i09 (Punt uniku ta' servizz għal-liċenzjar u l-monitoraġġ ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli) taħt il-komponent 21 (REPowerEU) tiġi estiża u li d-deskrizzjonijiet ta' investment korrispondenti jiġu emendati. Barra minn hekk, il-Portugall talab li l-mira 1.14 tal-investment C01-i01 (Servizzi tal-kura tas-saħħa primarja b'aktar risponsi) taħt il-komponent 1 (is-Servizz tas-Saħħa Nazzjonali); il-mira 2.29 tal-investment C02-i01 (Programm ta' Appoġġ għall-Aċċess għall-Akkomodazzjoni) taħt il-komponent 2 (Akkomodazzjoni); il-mira 5.8 tal-investment C05-i01.02 (Aġendi Ekoloġiċi/Alleanzi għall-innovazzjoni tan-negozju); il-mira 5.40 tal-investment C05-i09 (Scale-up: Mobilizzazzjoni tal-Aġendi/Alleanzi għall-Innovazzjoni tan-Negozju) u d-deskrizzjoni tal-investment C05-i09; il-mira 5.42 tal-investment C05-i10 (Scale-up: Aġendi Ekoloġiċi/Alleanzi għall-innovazzjoni tan-negozju) u d-deskrizzjoni tal-investment C05-i10; il-mira 5.47 tal-investment C05-i12 (Scale-up: Aġendi Ekoloġiċi/Alleanzi għall-innovazzjoni tan-negozji), taħt il-komponent 5 (Investiment u Innovazzjoni); il-mira 6.1 tal-investment C06-i01 (Modernizzazzjoni tal-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ tal-istituzzjonijiet); il-mira 13.4 tal-investment C13-i01 (Effiċjenza enerġetika fil-bini residenzjali); il-miri 13.6 u 13.7 tal-investment C13-i02 (Effiċjenza enerġetika fil-bini tal-gvern ċentrali);

il-miri 13.9 u 13.10 tal-investiment C13-i03 (Effiċjenza enerġetika fil-bini li jintuża mis-settur tas-servizzi) taħt il-komponent 13 (Effiċjenza Enerġetika fil-Bini); il-mira 14.8 tal-investiment C14-i02-RAM (Potenzjament tal-elettriku rinnovabbli fl-Arċipelagu ta' Madeira); il-mira 19.5 tal-investiment C19-i02 (Servizzi Elettroniċi Sostenibbli), il-mira 21.5 ta' C21-i04-RAM (Effiċjenza enerġetika fil-bini pubbliku f'Madeira); u l-istadju importanti 21.30 tal-investiment C21-i09 (Punt uniku ta' servizz għal-liċenzjar u l-monitoraġġ ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli) taħt il-komponent 21 (REPowerEU) jitneħħew. Barra minn hekk, il-Portugall talab li l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni għall-istadju importanti 1.9 tar-riforma r3 (Tlestija tar-riforma tal-mudell ta' governanza tal-isptarijiet pubbliċi) taħt il-komponent 1 (Sistema tas-Saħħa Nazzjonali) titqassar u li d-deskrizzjonijiet tar-riforma r3 taħt il-komponent 1 (Sistema tas-Saħħa Nazzjonali) u l-investimenti C05-i01.02 (Aġendi Ekoloġiċi/Alleanzi għall-innovazzjoni tan-negozju) u C05-i12 (Scale-up: Aġendi Ekoloġiċi/Alleanzi għall-innovazzjoni tan-negozji) taħt il-komponent 5 (Investiment u Innovazzjoni) tiġi emendata. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (14) Il-Portugall talab ukoll li l-użu tar-riżorsi meħlusa bit-tneħħija tal-miżuri u t-tnaqqis fil-livell tal-implimentazzjoni tagħhom skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241 sabiex iżid seba' miżuri ġodda u biex iżid il-livell ta' implimentazzjoni ta' 21 miżura. Din it-talba tikkonċerna l-mira 1.44 tal-investiment il-ġdid C01-i11-RAA (Modernizzazzjoni u rikwalifikazzjoni tas-Servizz tas-Saħħa Reġjonali) u d-deskrizzjoni tal-investiment il-ġdid C01-i11-RAA taħt il-komponent 1 (Servizz tas-Saħħa Nazzjonali); il-mira 5.50 tal-investiment il-ġdid C05-i13 (Unitajiet tar-riċerka xjentifika) u d-deskrizzjoni tal-investiment il-ġdid C05-i13; l-istadju importanti 5.51 u l-mira 5.52 tal-investiment il-ġdid C05-i14 (Innovazzjoni tan-negozju) u d-deskrizzjoni tal-investiment il-ġdid C05-i14; l-istadju importanti 5.53 u l-mira 5.54 tal-investiment il-ġdid C05-i15-RAA (Fond ta' ekwità għar-rikapitalizzazzjoni tas-Sistema tan-Negozju tal-Azores) u deskrizzjoni tal-investiment il-ġdid C05-i15-RAA; l-istadju importanti 5.48 u l-mira 5.49 tal-investiment il-ġdid C05-i16 (Kompartment tal-Istati Membri tal-InvestEU) u d-deskrizzjoni tal-investiment ġdid C05-i16 taħt il-komponent 5 (Investiment u Innovazzjoni); il-mira 9.14 tal-investiment il-ġdid C09-i05 (Il-Park Fotovoltajku ta' Alqueva) u deskrizzjoni ġdida tal-investiment C09-i05 taħt il-komponent 9 (Ġestjoni tal-Ilma); u l-mira 12.10 tal-investiment il-ġdid C12-i02 (Riċiklaġġ u rkupru tal-iskart) u d-deskrizzjoni tal-investiment ġdid C12-i02 taħt il-komponent 12 (Bijoekonomija). Abbażi ta' dan, il-Portugall talab li jiżdiedu l-istadji importanti, il-miri u d-deskrizzjonijiet tal-investiment msemmija hawn fuq. Barra minn hekk, il-Portugall talab li l-livell ta' implimentazzjoni meħtieġ tal-istadji importanti u tal-miri li ġejjin jiżdied u li d-deskrizzjonijiet tal-investiment rilevanti korrispondenti jiġu emendati; il-mira 3.4 tal-investiment C03-i01 (Ġenerazzjoni ġdida ta' tagħmir u risponsi soċjali);

il-mira 3.8 tal-investiment C03-i02 (Aċċessibbiltà 360°); il-mira 3.14 tal-investiment C03-i04-RAA (Implimentazzjoni tal-Istrateġija Reġjonali għall-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali — Networks ta' Appoġġ Soċjali (ARA)); il-mira 3.28 tal-investiment C03-i07-RAA (Titjib u tkabbir tan-network tad-djar tal-kura residenzjali għall-anzjani (ERPIS)); u d-deskrizzjoni tal-investiment C03-i07-RAA; il-mira 4.8 tal-investiment C04-i02 (Wirt Kulturali); il-miri 5.20 u 5.21 tal-investiment C05-i05-RAA (L-Irkupru Ekonomiku tal-Agrikoltura tal-Azores) u d-deskrizzjoni tal-investiment C05-i05-RAA; il-mira 5.36 u l-istadji importanti 5.37 u 5.38 tal-investiment C05-i08(Aktar Xjenza Diġitali) u d-deskrizzjoni tal-investiment u l-mira 6.29 tal-investiment C06-i09 (Skejjel ġodda jew rinnovati) u d-deskrizzjoni tal-investiment C06-i09; il-mira ġdida 8.22 tal-investiment C08-i05 (Programm ta' Aktar Foresti) u d-deskrizzjoni tal-investiment C08-i05; il-mira ġdida 9.15 tal-investiment C09-i01 (Pjan Reġjonali għall-Effiċjenza tal-Ilma ta' Algarve); l-istadju importanti 10.9 tal-investiment C10-i04-RAA (Żvilupp tar-“Raggruppament ta' Mar dos Açores”) u d-deskrizzjoni tal-investiment C10-i04-RAA; il-mira ġdida 13.11 tal-investiment C13-i01 (Effiċjenza enerġetika f'bini residenzjali) taħt il-komponent 13 (Effiċjenza Enerġetika tal-Bini); il-mira ġdida 14.15 tal-investiment C14-i02-RAM (Il-potenzjal tal-elettriku rinnovabbli fl-Arċipelagu ta' Madeira) u d-deskrizzjoni tal-investiment C14-i02-RAM; il-mira 14.14 tal-investiment C14-i03-RAA (Tranżizzjoni tal-enerġija fl-Azores); il-mira 16.17 tal-investiment C16-i04 (Industrija 4.0) u d-deskrizzjoni tal-investiment C16-i04; l-istadju importanti 19.13 tal-investiment C19-i04 (Infrastruttura diġitali kritika effiċjenti, sigura u kondiviża); l-istadju importanti 19.35 tal-investiment C19-i08 (Territorji Intelliġenti) u d-deskrizzjoni tal-investiment C19-i08;

il-mira 21.36 tal-investment C21-i12 (Miżura fuq skala akbar: Dekarbonizzazzjoni tat-Trasport Pubbliku) u l-istadju important 21.23 u l-mira ġdida 21.44 tar-riforma C21-r48 (Simplifikazzjoni tal-qafas legali u regolatorju applikabbli għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli) u d-deskrizzjoni tar-riforma C21-r48. Barra minn hekk il-Portugall talab li l-iskeda ta' żmien għall-istadju importanti 5.38 tal-investment C05-i08 (Aktor Xjenza Diġitali); l-istadju importanti 19.13 tal-investment C19-i04 (Infrastruttura diġitali kritika effiċjenti, sigura u kondiviża) u l-istadju importanti 21.23 tar-riforma C21-r48 (Simplifikazzjoni tal-qafas legali u regolatorju applikabbli għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli) tiġi estiża u li d-deskrizzjonijiet tal-investment C05-i08 (Aktor Xjenza Diġitali) u tal-investment C08-i05 (Programm ta' Attar Foresti) jiġu emendati. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata skont dan.

- (15) Il-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet ippreżentati mill-Portugall jiġġustifikaw l-emendi skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2021/241. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

Distribuzzjoni tal-istadji importanti u tal-miri

- (16) Id-distribuzzjoni tal-istadji importanti u tal-miri f'pagamenti parzjali jenħtieġ li tiġi modifikata biex tqis l-emendi għall-RRP u l-iskeda ta' żmien indikattiva ppreżentata mill-Portugall.

Korrezzjonijiet ta' żbalji klerikali

- (17) Ġew identifikati ħames żbalji klerikali fit-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021, li jaffettwaw tmien stadji importanti u miri u sitt miżuri taħt ħames komponenti. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata biex tikkoreġi dawk l-iżbalji klerikali, li ma jirriflettux il-kontenut tal-RRP ippreżentat lill-Kummissjoni fit-22 ta' April 2021, kif maqbul bejn il-Kummissjoni u l-Portugall. Dawk l-iżbalji klerikali jikkonċernaw l-istadju importanti 4.11 tal-investment C04-i02 (Networks Kulturali) u d-deskrizzjoni tal-investment C04-i02 tal-komponent 4 (Kultura); il-mira 7.14 tal-investment C07-i05-RAA (Ċirkwiti Loġistiċi — Network Reġjonali tal-Azores); il-mira 5.34 tal-investment C05-i07-RAM (Strumenti ta' kapitalizzazzjoni għall-kumpaniji f'Madeira) taħt il-komponent 5 (Investiment u Innovazzjoni); il-mira 10.12 tal-investment C10-i05-RAA (Tranżizzjoni tal-enerġija, diġitalizzazzjoni u tnaqqis tal-impatt ambjentali fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura) u d-deskrizzjoni tal-investment C10-i05-RAA taħt il-komponent 10 (Baħar); il-mira 14.12 ta' C14-i03-RAA (Tranżizzjoni tal-enerġija fl-Azores) taħt il-komponent 14 (Idroġenu u Rinnovabbli); it-taqsima S.4 (Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għas-self) taħt il-komponent 19; l-istadju importanti 19.30 tar-riforma C19-r41 (Aċċess għas-Servizzi Pubbliċi: armonizzazzjoni u l-konsolidazzjoni tal-aċċess wiċċ imb wiċċ u online) u d-deskrizzjoni tar-riforma C19-r41; u l-istadji importanti 19.31, 19.32 u 19.33 tar-riforma C19-r42 (Sistema ġdida ta' evalwazzjoni li tagħti s-setgħa u spinta ġdida lill-forza tax-xogħol tal-amministrazzjoni pubblika) u d-deskrizzjoni tar-riforma C19-r42 taħt il-komponent 19 (Amministrazzjoni Pubblika Diġitali). Dawk il-korrezzjonijiet ma jaffettwawx l-implimentazzjoni tal-miżuri kkonċernati.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (18) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

La tagħmilx ħsara sinifikanti

- (19) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (d), u mal-kriterju 2.4 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat mistenni jiżgura li l-ebda miżura (klassifikazzjoni A) għall-implimentazzjoni ta' riformi u ta' proġetti tal-investiment inklużi fl-RRP ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali fit-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ (il-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”).
- (20) Il-Portugall issottometta valutazzjoni tal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” għal kull wieħed mill-investimenti l-ġodda li ġejjin: C01-i12 (Modernizzazzjoni u rikwalifikazzjoni tas-Servizz tas-Saħħa Reġjonali); C09-i05: (Il-Park Fotovoltajku ta' Alqueva); C12-i02: (Ir-riċiklaġġ u l-irkupru tal-iskart). L-informazzjoni pprovduta turi li l-RRP emendat huwa mistenni jiżgura l-konformità ma' dan il-prinċipju. Modifiki oħrajn tal-miżuri inklużi fl-RRP oriġinali ma għandhomx impatt fuq il-valutazzjoni tal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”.

⁵ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2020/852/oj>).

Kontribut għall-oġettivi ta' REPowerEU

- (21) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (da) u mal-Anness V, il-kriterju 2.12, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kapitolu REPowerEU huwa mistenni li jikkontribwixxi b'mod effettiv fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għas-sigurtà tal-enerġija, id-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika, żieda fil-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija jew it-tnaqqis meħtieġ tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili qabel l-2030.
- (22) L-emenda tal-RRP ma tikkawżax impatt materjali fuq l-ambizzjoni tiegħu lejn l-għanijiet ta' REPowerEU. Minkejja t-tneħħija tal-investment C21-i15-RAA (L-akkwist ta' żewġ bastimenti elettriċi) u t-tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni tal-investment C21-i13-RAM (Dekarbonizzazzjoni tat-trasport) u tal-investment C21-i04-RAM (Effiċjenza enerġetika fil-bini pubbliki f'Madeira), l-RRP emendat iżomm il-kontribut sinifikanti tiegħu għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija, inkluż it-trasport, u għall-produzzjoni u l-użu tal-enerġija rinnovabbli. L-RRP emendat jinkludi żieda fl-ambizzjoni tal-investment C21-i12 (Miżura fuq skala akbar: Dekarbonizzazzjoni tat-Trasport Pubbliku); l-investment C21-i11-RAM (Sistema ta' inċentivi għall-produzzjoni u l-ħżin tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli f'Madeira u f'Porto Santo); u r-riforma C21-r48 (Simplifikazzjoni tal-qafas legali u regolatorju applikabbli għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli).

Kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluża l-bijodiversità

- (23) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u mal-Anness V, il-kriterju 2.5, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 39,09 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat u 91,42 % tal-kostijiet stmati totali tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU kkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.
- (24) L-emenda tal-RRP ma tolqotx b'mod sostanzjali l-ambizzjoni tiegħu lejn it-tranżizzjoni ekoloġika. Minkejja tnaqqis ta' 2,07 % minħabba, b'mod partikolari, t-tneħħija tal-investiment C15-i03 (Tranżitu Ferroviarju Ħafif f'Odivelas – Loures) u t-tnaqqis tal-ambizzjoni tal-investiment C02-i05 (L-istokk ta' Akkomodazzjoni Pubblika Affordabbli), l-RRP emendat għadu jappoġġa b'mod sinifikanti l-oġettivi tat-tranżizzjoni ekoloġika, it-titjib tal-bijodiversità u l-protezzjoni ambjentali. B'mod partikolari, il-kapitolu REPowerEU jkompli jappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika, peress li r-riformi u l-investimenti tiegħu jikkontribwixxu biex titnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili, titnaqqas id-domanda għall-enerġija u tiżdied l-effiċjenza enerġetika.

Kontribut għat-tranżizzjoni diġitali

- (25) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u mal-Anness V, il-kriterju 2.6, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi diġitali jwasslu għal ammont li jirrappreżenta 21,67 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat ikkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII ta' dak ir-Regolament.
- (26) L-emenda tal-RRP issaħħaħ l-ambizzjoni tiegħu lejn it-tranżizzjoni diġitali. B'mod partikolari, iż-żieda fil-kontribuzzjoni lejn it-tranżizzjoni diġitali tal-investiment C05-i06 (Kapitalizzazzjoni tal-kumpaniji u r-reżiljenza finanzjarja) u ż-żieda fl-ambizzjoni tal-investimenti C15-i06 (Diġitalizzazzjoni tat-Trasport Ferrovjari) u C05-i08 (Xjenza Aktar Diġitali) jikkontribwixxu aktar għad-diġitalizzazzjoni tan-negozju.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' valutazzjoni

- (27) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi mressqa mill-Portugall ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b), (c), (db), (g), (h), (j) and (k), tar-Regolament (UE) 2021/241.

Miżuri li jappoġġaw operazzjonijiet ta' investiment li jikkontribwixxu għall-oġettivi tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP)

- (28) F'konformità mal-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶, il-Portugall qies bħala proġetti ta' prijorità dawk il-proġetti li ngħataw Siġill tas-Sovranità skont l-Artikolu 4(1) ta' dak ir-Regolament. Madankollu, il-Portugall qies li l-ebda proġett li ngħata Siġill tas-Sovranità ma kellu jiġi inkluż fl-RRP emendat minħabba li parti minn dawk il-proġetti diġà żguraw finanzjament minn sorsi tal-Unjoni għajr il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Barra minn hekk, il-proġetti b'Siġill tas-Sovranità li għadhom ma żgurawx finanzjament jistgħu jiġu ffinanzjati taħt il-miżura l-għdida C05-i14 (Innovazzjoni tan-negozju) fl-RRP emendat.

Valutazzjoni pożittiva

- (29) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP, emendat meta nstab li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont li għandu jsir disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat fil-forma ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli.

⁶ Ir-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP), u li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE u r-Regolamenti (UE) 2021/1058, (UE) 2021/1056, (UE) 2021/1057, (UE) 1303/2013, (UE) 223/2014, (UE) 2021/1060, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697 u (UE) 2021/241 (ĠU L, 2024/795, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/795/oj>).

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (30) Il-kost totali stmat tal-RRP emendat tal-Portugall huwa ta' EUR 22 215 870 313. Peress li l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa ogħla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għall-Portugall, il-kontribuzzjoni finanzjarja ddeterminata f'konformità mal-Artikoli 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷ u l-Artikolu 20(4) u l-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 allokata għall-Portugall l-RRP emendat jenħtieġ li tkun ugwali għal EUR 16 325 113 960. Għaldaqstant, il-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-Portugall tibqa' l-istess.

Għoti ta' self

- (31) L-appoġġ fil-forma ta' self disponibbli għall-Portugall li jammonta għal EUR 5 890 756 353 jibqa' l-istess.
- (32) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata skont dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li jiġi sostitwit kompletament,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

⁷ Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1755/oj>).

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Portugall hija emendata kif ġej:

- (1) l-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP emendat tal-Portugall abbażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inklużi l-istadji importanti u l-miri rilevanti relatati mal-pagament ta' appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura u l-istadji importanti u l-miri addizzjonali relatati mal-pagament tas-self, l-indikaturi rilevanti relatati mal-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni tagħti l-aċċess sħiħ għad-data rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.”;

- (2) l-Anness huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Portugiża.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
